**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum il-Hamis 24 ta' Settembru 2015**

**Rikors Guramentat numru:- 107/2011JVC**

**Flavia Cassar li qed tidher f'isimha proprju u kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsiefra Francesca Galea u b'nota tat-tlieta u ghoxrin ta' Mejju elfejn u tnax Francesca Galea assumiet l-atti f'isimha, Michelina armla ta' Paul Grech li tidher ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsiefra Gladys Vella, u Joseph Grech**

**Vs**

**Carmelo Muscat, u ghal kwalunkwe interess li jista' jkollha, Maria mart l-istess Carmelo Muscat, John Caruana, u ghal kwalunkwe interess li jista' jkollha Rose Caruana, mart l-istess John Caruana**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi li ppremettew:

Illi l-esponenti Francesca Galea, l-ahwa Grech cioe' Gladys Vella, Joseph Grech u Flavia Cassar ulied il-mejjet Pawlu Grech, huma eredi flimkien mal-konvenuti Maria Muscat u Rose Caruana tal-mejtin Vincent Grech u Loreta Grech (nee Debono) li mietu rispettivament fit-22 ta' Dicembru 1990 u 17 ta' April 1993;

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri tal-25 ta' Lulju 1986 (Dok 'A') l-imsemmi Vincent Grech ikkonceda b'titolu ta' cens perpetwu a favur tal-konvenuti Carmelo Muscat u John Caruana bis-somma ossia korrispettiv miseru ta' tmienja u disghin lira maltin (Lm98) fis-sena l-fond numru erbgha u tletin ittra "A" (34A) triq Sant'Antnin,

Ghajnsielem Gozo b'zewg gardini retrostanti, wahda ta' 67 metru kwadru u l-ohra ta' 605 metri kwadri u kollox imiss mill-punent mat-triq Sant'Antnin, grigal mal-proprjeta' tal-kumpanija Gramieri Development Company Limited, jew is-successuri taghha fit-titolu, u tramuntana in parti ma' sqaq privat u in parti mal-beni tal-attrici Francesca Galea;

Illi dan il-fond jikkomprendi l-maggor parti mill-wirt tal-mejtin Vincent u Loreta konjugi Grech u l-istess kuntratt sar bl-intenzjoni li jcahhad lill-atturi mid-drittijiet ereditarji taghhom;

Illi l-valur tal-proprjeta' immobiljarji hekk koncessa u trasferita lill-konvenuti kienu fir-realta' hafna aktar minn dak indikat fil-kuntratt surreferit;

Illi talbet li dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-kuntratt ta' koncessjoni enfitewtika perpetwa in atti nutar Dottor Joseph Spiteri tal-25 ta' Lulju 1986 li bih Vincent Grech ikkonceda lill-konvenuti Carmelo Muscat u John Caruana il-fond fuq imsemmi sar bi frodi tad-drittijiet tal-atturi; u

2. Tiddeciedi u tiddikjara konsegwentement illi l-imsemmi kuntratt ta' koncessjoni enfitewtika perpetwa in atti nutar Dottor Joseph Spiteri tal-25 ta' Lulju 1986 li bih Vincent Grech ikkonceda lill-konvenuti Carmelo Muscat u John Caruana huwa null u bla effett;

3. F'kaz li jintlaqghu l-ewwel zewg talbiet, tinnomina okkorrendo nutar biex jippubblika l-att relattiv u kuratur sabiex jidher ghall-assenti u tiffissa data, hin u lok ghal dan il-ghan.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' inibizzjoni pprezentat kontestwalment, u b'riserva cara ghal kwalsiasi dritt iehor spettanti lill-esponenti skont il-ligi.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti konjugi Muscat u konjugi Caruana li eccepew:

1. Illi preliminarjament Flavia Cassar ma tistax tidher ghall-imsiefra Francesca Galea minghajr prokura u Michelina Grech ma tistax

tidher ghall-imsiefra Gladys Vella ghalhekk l-imsemmija Francesca Galea u Michelina Grech u Gladys Vella ghandhom jinhargu minn din il-kawza;

2. Illi l-atturi ma ndikawx f'liema vesti qed jaghmlu din il-kawza u cioe' jekk accettawx l-eredita tal-genituri taghhom jew le u ghalhekk x'interess guridiku jista' jkollhom f'din il-kawza;

3. Illi fil-mertu d-domandi attrici huma ghal kollox bla bazi fattwali jew legali peress illi l-kuntratt ta' enfitewsi tal-25 ta' Lulju 1986 atti Nutar Joseph Spiteri, mertu ta' din il-kawza, huwa kuntratt veru u validu u b'ebda mod intiz biex jilledi d-drittijiet ta' xi hadd;

4. Illi l-konjugi Vincent u Loreta Grech kellhom kull dritt li jaghmlu li jridu bi hwejjighom u mhux minnu li l-valur tad-dar koncessa in enfitewsi perpetwa fiz-zmien li saret din il-koncessjoni kien realment ferm akbar minn dak indikat fil-kuntratt imma kien b'kondizzjonijiet tas-suq li kienu ghaddejin dak iz-zmien. Cens ta' Lm98 kien pjuttost cens gholi f'dak iz-zmien specjalment meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni li l-koncessjoni saret bir-riserva favur il-koncedenti tad-dritt tal-abitazzjoni u uzu gratuitu tul hajjiethom;

5. Illi ghalhekk d-domandi attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra taghhom.

Rat il-provi kollha mressqa fl-atti;

Rat ir-rapporti kollha peritali esebiti fl-atti kemm dawk ex parte kif ukoll tal-espert nominat mill-Qorti;

Rat in-noti kollha tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti f'din il-kawza huma li l-konjugi Vincent u Loreta Grech kellhom bhala tfal lill-attrici Francesca Galea, Pawlu missier l-atturi l-ohra u liz-zewg konvenuti Maria Muscat u Rose Caruana. Jirrizulta li

tul hajjet Vincent u Loreta Grech, Francesca Galea kienet izzewget u emigrat lejn il-Canada, Pawlu Grech izzewweg u baqa' jirrisjedi Ghawdex filwaqt li l-konvenuti Maria Muscat u Rose Caruana qabel izzewwgu baqghu jirrisjedu fid-dar tal-genituri taghhom u wara li dawn izzewgu huma jsostnu li baqghu jiehdu hsiebhom filwaqt li z-zewg huthom l-ohra ma offrew l-ebda assistenza. Huwa nkontestat li fit-22 ta' Settembru, 1983 Vincent u Loreta Grech irredigew testment li permezz tieghu huma hallew bhala legat lill-konvenuti bhala kumpens ghas-servigi rezi d-dar ta' abitazzjoni taghhom li huwa l-fond involut fil-kawza odjerna. Konsegwentement fis-sena 1986 sar kuntratt ta' koncessjoni emfitewtika tal-istess fond residenza tal-konjugi Grech bejn Vincent u Loreta Grech u l-irgiel ta' wliedhom Maria u Rose u cioe' l-konvenuti l-ohra Carmelo Muscat u John Caruana u dan ghall-hlas ta' cens annwu u perpetu ta' tmienja u disghin Liri Maltin (Lm98). Il-konvenuti fir-risposta taghhom isostnu li dan ic-cens kien infeda u l-flus depozitati kienu fil-fatt ingabru mill-konjugi Grech, prova ta' dan izda ma tressqitx quddiem din il-Qorti.

Wara l-mewt tal-konjugi Grech, l-atturi odjerni fethu kawza ohra fl-istess ismijiet li izda giet dikjarata nulla fuq nuqqas procedurali fic-citazzjoni attrici. Konsegwentement giet intavolata din il-kawza li fiha l-atturi jsostnu li in vista li l-valur tal-fond trasferit fis-sena 1986 kien ferm aktar minn dak moghti u rifless mill-korrispettiv pagabbli permezz tal-kuntratt tas-sena 1986 u in vista li l-eredita' tal-konjugi Grech kienet prattikament tikkonsisti f'dan il-fond, per konsegwenza l-kuntratt tal-25 ta' Lulju, 1986 sar 'bi frodi tad-drittijiet tal-atturi' u ghalhekk talbu li din il-Qorti tiddikjara l-kuntratt de quo bhala null u bla effett.

Da parti taghhom il-konvenuti apparti li jqajjmu xi eccezzjonijiet preliminari li ser jigu trattati aktar 'il isfel, fil-mertu jsostnu li l-attrici Francesca Galea inghatat dota ta' valur mill-genituri taghha qabel iz-zwieg u li Pawlu Grech qatt ma wera l-ebda intenzjoni li huwa jew il-familjari tieghu iseftru lil hadd. Il-konvenuti jsostnu li l-kuntratt in kwistjoni kien veru u validu u b'ebda mod intiz biex jilledi d-drittijiet ta' xi hadd, isostnu li l-konjugi Grech kellhom kull dritt li jaghmlu dak li jridu bi hwejjighom u li l-valur tad-dar koncessa ghal dak iz-zmien huwa rifless tajjeb fic-cens ta' tmienja u disghin Liri Maltin (Lm98) meta wiehed jikkunsidra li mal-koncessjoni l-konjugi Grech irriservaw id-dritt favur taghhom ta' abitazzjoni u uzu gratuitu tul hajjithom.

Eccezzjonijiet preliminari

**Nuqqas ta' prokura:**

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens li Flavia Cassar ma tistax tidher ghall-imsiefra Francesca Galea minghajr prokura u Michelina Grech ma tistax tidher ghall-imsiefra Gladys Vella ghalhekk l-imsemmija Francesca Galea u Gladys Vella ghandhom jinhargu minn din il-kawza.

Ghal din l-eccezzjoni l-atturi fil-verbal tas-16 ta' Frar, 2012 iddikjaraw li kienu ser jirregolaw ruhhom. Fil-mori tal-kawza fil-fatt jirrizulta li l-attrici Francesca Galea assumiet l-atti hi stess f'isimha u ghalhekk din l-eccezzjoni llum ma tapplikax fil-konfront taghha. Fir-rigward tal-attrici l-ohra Gladys Vella jirrizulta li fl-atti a fol. 60 tal-process giet prezentata prokura f'isem certa Claudia Vella li tghid li Michelina Grech tigi ommha u li kienet qed tawtorizzaha tirraprezentaha fi proceduri kontra l-konvenuti. Fin-nota (fol. 59) li permezz taghha giet esebita l-istess prokura l-avukati tal-atturi jsostnu li l-prokura li kienet qed tigi esebita kienet dik ta' 'Gladys sive Claudia Vella' u cioe' l-attrici l-ohra. A fol. 48 tal-process, l-attrici Frances Galea tghid li t-tfal ta' Pawlu Grech huma Claudia sive Gladys Vella, Joseph Grech u Flavia Cassar. Dan inehhi kwalunkwe dubju minn mohh din il-Qorti dwar ghal min qed tirreferi l-prokura a fol. 60 ghalkemm tqis li kien ikun aktar proceduralment korrett li kieku fuq il-prokura nnifisha gie ndikat ukoll l-isem Gladys.

Illi nonostante dak suespost, il-konvenuti baqghu sal-ahhar tal-proceduri ma rtirawx l-ewwel eccezzjoni taghhom u dan ghandu jkun rifless fl-ispejjez.

Illi mis-suespost jirrizulta lil din il-Qorti li l-atturi kollha huma debitament rapprezentati fil-kawza w ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti jisthoqq li tigi michuda.

**Nuqqas ta' nteress guridiku**

Illi permezz tat-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti jsostnu li l-atturi ma ndikawx f'liema vesti qed jaghmlu din il-kawza u cioe' jekk accettawx l-eredita' tal-genituri taghhom jew le u ghalhekk x'interess guridiku jista' jkollhom f'din il-kawza. Allaccat ma' din l-eccezzjoni l-

konvenuti fid-dikjarazzjoni tal-fatti taghhom isostnu li l-atturi ghamlu atti ta' eredi billi bieghu sehem minn dar fix-Xewkija li kienet tappartjeni lil Vincent Grech u ghalhekk issa ma jistghux jattakkaw it-testment tal-genituri taghhom.

In sostenn ta' din l-eccezzjoni xehdet il-konvenuta Maria Muscat a fol. 162 et seq u kkonfermat li l-partijiet kienu dehru fuq att fis-sena 2007 fil-vesti taghhom ta' eredi ta' Vincent Grech u bieghu ishma fi proprjeta' gejja mill-wirt ta' Vincent Grech. Dan jirrizulta fil-fatt mill-kopja tal-kuntratt esebit a fol. 185 et seq tal-process. Id-dettalji tal-atturi u l-konvenuti jidhru a fol. 194 tal-process filwaqt li l-fatt li l-proprjeta' kienet derivanti mill-eredita' ta' Vincenzo Grech jirrizulta minn fol. 205 tal-process. Ai termini ta'dan il-kuntratt il-partijiet kienu rcevew korrispettiv ta' madwar erba' mitt Lira (Lm400) kull wild ta' Vincenzo Grech. Ma jirrizultax li dan gie b'xi mod kontradett mill-atturi fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Izda l-kwistjoni pendenti quddiem din il-Qorti hija jekk sabiex tirnexxi din l-azzjoni hux rekwizit fil-ligi li dawn jiddikjaraw jekk hux qed jagixxu fil-vesti taghhom bhala eredi tal-genituri taghhom jew le.

Mill-premessi tal-kawza kif intavolata huwa car lil din il-Qorti li certament l-atturi qed ivantaw il-pretensjonijiet odjerni ghaliex huma ulied Vincent Grech u Loreta Grech u ghaliex it-trasferiment tal-fond in kwistjoni cahhad lill-atturi mill-ass principali jekk mhux uniku tal-eredita' tal-genituri taghhom. Ghalhekk certament li qed jagixxu sabiex jissalvagwardjaw l-interessi taghhom bhala eredi tal-genituri taghhom.

Il-konvenuti izda jmorru oltre u jsostnu la darba l-atturi ghamlu atti ta' eredi, per konsegwenza, huma ma jistghux fl-istess hin jattakkaw att li ghamel Vincent Grech meta kien ghadu haj. L-argument tal-konvenuti huwa spjegat ahjar fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-abbli difensur tal-konvenuti kif isegwi:

'Illi ma hemmx dubbju illi meta l-atturi dehru fuq dak il-kuntratt u accettaw sehemhom fil-vesti ta' werrieta ta' missierhom, Vincent Grech, mis-somma ta' Lm1856.92 li kien imisshom huma bhala werrieta ma jistghux jghidu llum li huma ma accettawx il-wirt ta' missierhom. Issa skont l-artikolu 998 tal-Kap. 16 fuq kwotat min jikkontratta jkun qed jikkontratta ghalih u ghall-werrieta u ghall-aventi causa tieghu.

Ghalhekk l-atturi bhala eredi ta' Vincenza Grech ma jistghux imorru kontra l-volonta' ta' missierhom u jaghmlu l-kawzi biex iwaqqghu kuntratt tieghu.'

Illi fuq kwistjoni simili din il-Qorti diversament preseduta mil-lum Imhallef Dr. Anthony Ellul fil-kawza fl-ismijiet **Rosita Curmi vs. Salvina Grima et**. (deciza 30 ta' Lulju, 2010, 63/2008) iddikjarat kif isegwi:

*'L-Artikolu 801 tal-Kodici Civili jipprovdi:-*

*"Ir-rapprezentazzjoni ghandha bhala effett li ddahhal lir-rapprezentanti fil-lok, fil-grad, u fil-jeddijiet tar-rapprezentati.".*

*Skont l-Artikolu 806 m'hemmx rapprezentazzjoni ta' dawk li huma hajjin imma biss ta' dawk li huma mejta jew assenti ghal zmien twil.*

*Carmelo Curmi miet fit-8 ta' Dicembru 2005 u l-werrieta tieghu hi l-attrici. Carmelo Curmi hu wiehed minn ulied Salvu u Rosina Curmi, u peress li mietu ntestati kien wiehed mill-werrieta taghhom.*

*Ghalkemm l-argument tal-konvenuti hu nteressanti, il-qorti ma taqbilx. Hekk per ezempju skont l-Artikolu 913 tal- Kodici Civili tfal li jirtu b'testment jew ab intestato ghandhom "....igibu fil-massa tal-wirt, fl-interess biss tat-tfal jew dixxendenti l-ohra, li jirtu flimkien maghhom,* ***dak kollu li jkunu hadu b'donazzjoni minghand il-mejjet, direttament jew indirettament, meta d-donatur ma jkunx iddispona mod iehor****." (Artikolu 913 tal-Kodici Civili). Filwaqt li d-decujus ghandu kull dritt li f'hajtu jaghmel att gratuwitu, min-naha l-ohra ma jistax jahrab mill-provvediment tal-ligi sabiex jippregudika d-drittijiet ta' werrieta tieghu jew x'uhud minnhom. Alternattivament ikun ifisser li min ikollu interess ikun kostrett jirrinunzja ghall-wirt u jitlob is-sehem rizervat. Is-sentenza* ***John Abela et vs Giovanna Abela et*** *deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Frar 1971 ittrattat kwistjoni simili, u kkonkludiet li werriet ghandu kull dritt li jaghmel kawza ghal dikjarazzjoni li l-kuntratt li ghamel l-awtur tieghu hu milqut minn simulazzjoni.*

*Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi wkoll michuda.'*

Il-Qorti tqis li l-istess argument imqajjem minn dik l-Onorabbli Qorti, japplika ghall-kaz odjern. Dato ma non concesso li l-atturi kienu qed jagixxu bhala eredi tal-mejjet Vincent Grech fuq il-kuntratt esebit mill-konvenuti, dan il-fatt biss ma jipprekludix legalment lill-atturi milli

jattakkaw kuntratt li ghamel l-awtur taghhom f'dan il-kaz Vincent Grech abbazi li huwa milqut minn frodi ghad-drittijiet taghhom. Jekk l-azzjoni tirnexxix fil-mertu konsegwentement hija kwistjoni ohra.

Ghalhekk ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti tqis li anki t-tieni eccezzjoni mqajjma mill-konvenuti jisthoqq li tigi michuda u dan ghandu jigi rifless fl-ispejjez ta' din il-kawza.

**<u>Mertu tal-kawza odjerna:</u>**

**Bazi legali:**

Illi ghalkemm il-bazi tal-kawza tal-atturi ma giet iddikjarata mkien fl-atti mill-istess atturi, mill-atti din il-Qorti tqis, u hawnhekk taqbel mas-sottomissjonijiet tal-konvenuti, li l-azzjoni ntentata mill-atturi tista' tkun biss dik tal-'**Actio Pauliana'** la darba huma ma kienux parti fil-kuntratt li qed jigi attakkat minnhom.

Illi l-'Actio Pauliana' temani mill-artikolu 1144 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif isegwi:

'(1) Kull kreditur jista' wkoll, 'f'ismu, jattakka l-atti maghmula b'qerq mid-debitur bi hsara tal-jeddijiet tieghu, bla pregudizzju tal-jedd tal-konvenut ghall-eccezzjoni tal-beneficcju tal-eskussjoni, taht id-disposizzjonijiet tal-artikoli 795 sat-801 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

(2) Jekk dawn l-atti jkunu b'titolu oneruz, il-kreditur ghandu jipprova li kien hemm qerq min-naha taz-zewg partijiet fil-kuntratt.

(3) Jekk dawn l-atti jkunu b'titolu gratuwitu, bizzejjed li l-kreditur jipprova li kien hemm qerq min-naha tad-debitur.

(4) L-azzjoni li tmiss lill-krédituri taht dan l-artikolu ma tistax tigi ezercitata kontra minuri, hlief sas-somma li minnha dawn ikunu kisbu qliegh, bla hsara tal-jedd ta' kull azzjoni ohra li tista' tmiss lill-kredituri kontra t-tutur li jkun ha sehem fil-qerq.'

Mil-lat ta' gurisprudenza fil-kaz fl-ismijiet **Mario Camilleri vs. Mario Borg et.** deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (TM) nhar il-21 ta' Ottubru, 2004 jinghad kif isegwi:

*'F'din il-kawza l-attur qed jezercita l-actio pauliana biex jimpunja l-att tat-28 ta' Settembru, 2001, peress li qed jallega li dak il-kuntratt sar bi frodi ghall-interessi tieghu bhala kreditur.*

*Azzjoni ta' din ix-xorta toffri rimedju mhux biss lill-kredituri pekunjarji imma wkoll lil kull haddiehor li, meta jkun titolari ta' dritt valutabbli pekunjarjament isib ruhu defrawdat permezz tal-att li jimpedih, jekk ma jigix annullat, illi jara li jigu sodisfatti d-drittijiet tieghu (Vol. XXVIII p.I p. 254).*

*L-azzjoni pawljana ossia revokatorja ghandha zewg rekwiziti taghha essenzjali, li huma l-frodi u d-dannu.*

*"Il-frodi f'din l-azzjoni hi element ta' sostanza u objettiv u tista' timmanifesta ruhha taht diversi aspetti. Tista' tkun diretta u tista' tkun indiretta jew oggettiva u l-piz tal-prova jinkombi fuq min jallega l-frodi u jintenta l-azzjoni revokatorja ghaliex il-frodi fil-kuntratti ma tistax tigi prezunta. Id-dannu jista' jkun u generalment ikun attwali u cert imma jista' jkun ukoll tali li fl-evidenza u certezza juri l-perikolu tan-nuqqas ta' garanziji tal-kredituri. Id-dannu jrid ikun idderiva direttament mill-att impunjat". (Vol XLV.II.700).*

*"Ghad-debitur il-"consilium fraudis" jikkonsisti f'illi huwa jkun jaf li qieghed jirrendi ruhu nsolventi bis-sahha ta' l-att minnu kompjut ossia jkun qieghed jidhol fil-kondizzjoni ta' insolvenza jew ta' minorata solvibilita'. Ghat-terz jirrikorri l-"consilium fraudis" kull meta fil-waqt li jkun qieghed jikkontratta mad-debitur, huwa jaf illi qieghed jaghmel negozju guridiku li huwa ta' hsara ghall-kreditur". (Vol XXXIV.III.851)*

*F'dan ir-rigward hi awtorevoli s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "Giuseppina armla minn Giuseppe Ciancio vs Michele Buontempo et", deciza fl-20 ta' Novembru, 1950 li ghaliha l-Qorti taghmel referenza. F'dik is-sentenza il-Qorti kienet waslet ghall-konkluzjoni fir-rigward tal-kuntratt ossia skrittura mpugnata "ir-ragel taghha (ta' l-attrici) ghamilha bl-intenzjoni li jaghmel hsara u jippregudika d-drittijiet ta' martu mentri l-kontraent l-iehor (it-terz) kien jaf b'dik il-hsara u b'dak il-pregudizzju li l-attrici appellata kienet sejra ssofri bhala konsegwenza tan-negozju maghmul bl-imsemmija skrittura".*

*"L-animus nocendi mhux mehtieg biex tigi ezercitata l-azzjoni revokatorja imma huwa bizzejjed li jkun hemm ix-xjenza u l-previzjoni li l-att ser ikun leziv*

*ghall-kreditur. Fir-rigward ta' l-"eventus damni" "dan jikkonsisti fil-pregudizzju li jsofri l-kreditur mill-fatt tad-debitur u l-pregudizzju jivverifika ruhu appuntu meta bil-fatt tieghu d-debitur jilledi d-dritt kreditorju". (Vol. XXXIX.I.24) (Ara wkoll fost ohrajn "Carmen Mizzi vs Mabel Mizzi et", deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 1994). . . .*

*Ghar-rigward tal-element ta' consilium fraudis, gia ntwera li mhux mehtieg prova ta' intenzjoni li jaghmel hsara; kulma hu mehtieg biex jissustixxi dan l-element hu li d-debitur jirrealizza li bl-att li qed jaghmel qed inaqqas l-assi tieghu. Kulma hu mehtieg hu li d-debitur kien jaf li ga kien insolvibbli, jew li jsir insolvibbli b'dak l-att, u din ix- xjenza da parti tieghu ghandha tigi facilment ammessa, billi hija haga nverosimili li wiehed ma jkunx edott mill-affarijiet tieghu sa dak il-punt (Vol. XLI.I.627). . . .*

*Peress li l-att impunjat huwa kuntratt b'titolu oneruz, hu mehtieg ukoll prova tal-male fede da parti tat-terzi akkwirenti; dan l-element huwa ndikat bhala l-partecipatio fraudis. Anke hawn, kif intwera, mhux mehtieg prova tad-dolo, izda li t-terz jaf li qieghed jaghmel negozju guridiku li huwa ta' hsara ghall-kreditur. Skont gurisprudenza, l-element tal-frodi tat-terz akkwirent jikkonfigura meta dan ikun jaf bil-kondizzjoni finanzjarja prekarja tad-debitur (Vol. XXXVIII.II.424).'*

Fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Louis Cassar Pullicino noe vs. Vincent u Maria Pace et.** deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il-15 ta' Ottubru, 2003 (NC) jinghad kif isegwi:

*'Illi l-effett ta' din l-azzjoni huwa wiehed restitutorju fis-sens li, jekk tigi sostnuta b' success, il-kreditur jitpogga fl-istess kondizzjoni li kien fiha qabel ma kien sehh l-att frawdolenti ghad-dannu tieghu. . . .*

*Illi fil-kaz in dizamina gia la darba rrizulta li t-trasferimenti saru b'titolu gratuwitu, mhux rikjesta l-prova tax-xjenza da parti tat-terz akkwirent, u cioe' li l-konvenuti l-ohra kienu konxju tal-fatt li in-negozju guridiku li kienu ghamlu kien ta' hsara ghall-kreditur. L-Artikolu 1144 fis-sub inciz (3) jeskludi l-prova tal-partecipatio fraudis meta l-att ikun sar that titolu gratuwitu, bhal fil-kaz in ezami.'*

L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Brigette Vella vs. Richard Vella et**, (574/1993/1 decisa 27 ta' Frar, 2003) ghamlet filwaqt li ghamlet ukoll referenza ghal decizjonijiet precedenti ddikjarat kif isegwi:

*'Giuseppina Ciancio vs Michela Buontempo et" (Vol XXXIV – III – 851) fejn gie ritenut li f'materja ta' azzjoni pawljana l-kelma "kreditu" ghandha tigi nterpretata mhux fis-sens ristrett ta' persuna li ghandha kreditu prekunjarju accertat, imma fis-sens ta' kull min ghandu azzjoni x'jiddeduci biex jirreklama l-adempiment ta' obbligazzjoni, b'mod li jista' jisperixxi tali azzjoni kull min jinsab ippregudikat bil-fatt ta' haddiehor b'atti kompjuti mid-debitur. Fil-precitata decizjoni l-Qorti kompliet telabora hekk:*

*"Il-mara li tinsab pregudikata minn att kompjut minn zewgha, ghax dan ikun iddispona minn beni ta' l-akkwisti, tista' tipproponi din l-azzjoni wara l-mewt ta' zewgha minghajr m'hemm bzonn li qabel hija titlob il-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ....". . . .*

*Emanuele Calleja vs Carmelo Grima et" (Vol XXXIX – I – 24) deciza mill-Qorti ta' l-Appell in kwantu fiha gie ritenut illi l-animus nocendi mhux mehtieg biex tigi ezercitata l-azzjoni revokatorja, imma huwa bizzejjed li jkun hemm ix-xjenza li l-att ser ikun leziv ghall-kreditu.*

*L-ewwel Qorti ghamlet anke referenza ghad-dottrina legali minn awturi fis-sens li mqar fejn att ikun sar b'ghan onest, fejn xorta wahda wiehed seta' jipprova li bl-effett tieghu dan ser jaghmel hsara lill-kredituri, hemm dejjem il-"consilium fraudis". Dan ghaliex min ikun jaf bl-effett ta' xi att, u b'danakollu jrid jaghmel dak l-att, allura jsegwi li huwa jrid ukoll dak l-effett u dan ghaliex kif jelabora l-awtur Solazzi (ara "Revoca degli Atti Fraudolenti") citat fis-sentenza appellata "la rapprezentazione dell'effetto della propria azione costituisce il contenuto della volonta'".'*

Fid-decizjoni fl-ismijiet '**Moira Zammit Tabona vs. Simlar Ltd et.'** deciza nhar it-13 ta' Frar, 2004 (TM, 1586/2001/1) dik l-Onorabbli Qorti ddikjarat kif isegwi:

*'Dan premess, min ikun kreditur ta' obbligazzjoni personali ghandu, pero', d-dritt, taht l-artikolu 1144 tal-Kodici Civili, li jhassar l-ghemil bi ksur ta' dik l-obbligazzjoni jekk juri li dak il-ksur kien ta' hsara ghad-drittijiet tieghu. Dan ir-rimedju hu dak imsejjah bhala l'actio pauliana. Ghalkemm kien hemm zmien meta dan ir-rimedju kien moghti biss lil min ikun titolari ta' kreditu pekunjarju, is-sentenza "Ciancio vs Buontempo" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-20 ta' Novembru, 1950, drastikament iddipartixxiet minn din id-duttrina, u tat dan ir-rimedju lill-mara mizzewga li riedet timpunja att ta' zewgha, minghajr il-bzonn li qabel hija titlob il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Fil-fatt, l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Calleja vs Grima" deciza fil-10 ta' Jannar, 1995, osservat li, "ir- rimedju ta' l-*

*applikazzjoni ta' l-azzjoni revokatorja ghandu jiftiehem moghti mhux biss lill-kredituri prekunjarji, imma wkoll lil kull haddiehor li, meta jkun titolari ta' dritt valutabbli pekunjarjament, isib ruhu defrawdat permezz ta' atti li jimpeduh, jekk ma jigux annullati, illi jara illi jigu sodisfatti d-drittijiet tieghu". Aktar ricenti, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-kawza "Bellia vs Grech" deciza fis-6 ta' Ottubru, 1999, osservat li din l-azzjoni hija miftuha "ghal kull min ghandu azzjoni x'jiddeduci biex jirreklama l-adempiment ta' obbligazzjoni, b'mod li jista' jisperixxi l-azzjoni, kull min jinsab pregudikat bil-fatt ta' haddiehor b'att kagunat mid-debitur" (ara wkoll Kollaz. Vol XXXIV.111.851). . .*

*Ghar-rigward tat-tieni element, dak tal-consilium fraudis, il-gurisprudenza hija konformi li biex jissustixxi dan l-element mhux mehtieg l-intenzjoni li jirreka danni. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Camilleri vs Agius" deciza fit-23 ta' Novembru, 1934, b'approvazzjoni tal-argumenti mressqa mill-Baudry, " la frode pauliana diferisce notevolmente dal dolo, nel senso che non suppone come questo l'uso di manovre sleali. Non e' nemmeno necessario che il debitore abbia agito coll'intenzione di nuocere ai suoi creditori; basta che abbia avuto conoscenza del pregudizio che cagionava loro."*

*Hekk ukoll l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Pace vs Portanier" deciza fid-29 ta' Marzu, 1957, osservat " illi l-intenzjoni frawdolenta tad-debitur hija prezunta meta huwa jkun ghamel l-att pregudizzjevoli ghall-kreditur filwaqt li kien jaf li ga kien insolvibbli, jew li jsir insolvibbli b'dak l-att; u din ix-xjenza da parti tieghu ghandha tigi facilment ammessa, billi hija nverosimili li wiehed ma jkunx edott mill-affarijiet tieghu sa dak il-punt". . .*

*Ghar-rigward tat-tielet element, dak tal-partecipatio fraudis (rikjest, peress li l-att impunjat huwa wiehed oneruz – artikolu 1144(2) Kodici Civili), intqal fil-kawza kwotata "Ciancio vs Buontempo", li dan l-element jikonkorri kull meta it-terz jaf li qieghed jaghmel negozju guridiku li huwa ta' hsara ghall-kreditur. Il-Qorti kompliet tghid li darba li t-terz kien jaf li kien hemm kawza ta' separazzjoni, dik ic-cirkustanza kienet bizzejjed biex tirrendi lil terz "particeps" fil-frodi. Din il-Qorti, fil-kawza "Chircop vs Mifsud" deciza fil-25 ta' Jannar, 1954, kienet osservat illi bi frodi tat-terz akkwirent, ghandu jiftehmu n-notizja li dan kellu ta' l-istat tad-debitur.'*

Fid-decizjoni moghtija mill-istess Onorabbli Qorti fl-ismijiet **'PL Adrian Borg noe vs. Agostino Carbone et'** deciza nhar it-30 ta' Mejju, 2002 (TM Cit 704/93) jinghad kif isegwi:

*'Il-Bank attur qed jaghmel din il-kawza biex ihassar il-kuntratt ta' rizoluzzjoni*

*tal-koncessjoni enfitewtika a bazi tal-actio paoliana (art. 1144 Kodici Civili). Biex jirnexxi f'din l-azzjoni l-bank kreditur irid juri li dak il-kuntratt kien ta' pregudizzju ghad-drittijiet tieghu. Biex kreditur, pero', jithalla jintervjeni f'kuntratt li fih hu ma kienx parti jrid fl-ewwel lok, juri li b'rizultat ta' dak l-att impenjat, id-debitur tieghu sar insolvibbli. (ara "Bugeja vs Terribile" deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Jannar, 1936; Vol XXIX.II.866). Il-Bank attur, f'din il-kawza, indika li d-debitur tieghu naqas li jhallas lura s-self li kien inghatalu in forza ta' diversi kuntratti, pero', ma uriex li d-debitur m'ghandux assi ohra li fuqhom jista' jesegwixxi l-kreditu tieghu. Id-duttrina u l-gurisprudenza, pero', ma jinsistux li huwa l-kreditur li jrid jezawrixxi r-rimedju kollha li ghandu kontra d-debitur, izda li d-debitur jista', jekk irid, ixejjen l-azzjoni pauliana billi jindika lill-kreditur assi ohra tieghu li fuqhom il-kreditur jista' jesegwixxi (ara "Hare vs Diacono" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-29 ta' Marzu, 1920; Vol XXIV.III.789). Hu d-debitur li jrid juri li hu solvibbli, u mhux il-kreditur li jrid juri li d-debitur tieghu huwa insolvibbli. Fi kliem iehor, il-ligi taghti lid-debitur, id-dritt li jecepixxi l-"benaficium escussionis" billi, b'nota pprezentata fl- atti tal-kawza, jindika assi ohra ta' valur sufficjenti biex taghmel tajjeb ghall-kreditu ta' l-attur. Jekk jirrizultaw assi sufficjenti, jonqos l-element tal-eventus danni li hu wiehed mill-elementi ta' l-azzjoni pauliana.*

*F'din il-kawza, la d-debitur u lanqas it-terz ma sollevaw dan il-beneficcju. Kwindi ma rrizultax li d-debituri tal-Bank attur ghandhom assi ohra biex jaghmlu tajjeb ghad-dejn taghhom u dan l-element ta' din l-azzjoni jirrizulta sodisfatt.*

*Fuq kollox, il-kaz meritu ta' din il-kawza jinkwadra ruhu ezatt f'dak li l-gurista Francesco Ricci jikkwalifika bhala pregudizzju, u cioe', li "Il danno pertanto o pregiudizio che i creditori debbono risentire dall'atto compuito dal debitore, non puo' consistere in altro se non nella diminuzione della guarentigia ad essi accordata, diminuzione che compromette la esigibilita' dei loro crediti" (Corso di Diritto Civile pg. 322 n 243).*

*Element iehor ta' l-azzjoni, huwa l-consilium fraudis, li mhux l-istess bhal l-animus nocendi. Fil-fatt, dan l-animus mhux mehtieg, u kulma hu necessarju hija l-kuxjenza li b'dak l-att qed jigi ddanneggjat l-interessi tal-kreditur. Kif qalet l-Onorabbli Qorti li l-Appell fil-kawza "Camilleri vs Agius" deciza fit-23 ta' Novembru, 1934, b'approvazzjoni tat-taghlim ta' Baundry-Lacantinerie, "la frode paoliana diferisce notevolmente dal dolo, nel senso che non suppone come questo l'uso di manovre sleali. Nono e nemmeno necessario che il debitore abbia agito coll'intenzione di nuocere ai suoi creditori; basta che abbia avuto conoscenza del pregudizio che cagionava loro". (ara wkoll "Ciancio vs Buontempo et" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' L- Appell fl-20 ta' Novembru,*

*1950, u "Borg vs Borg" deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Jannar, 1996). Hekk ukoll fil-kawza "Bugeja vs Terribile", gia kwotata, intqal li "l-element tal-consilium fraudis jikkonsisti fix-xjenza illi bl-att tkun qeghda tigi determinata l- insolvenza jew imnaqqsa s-solvibilita' tad-debitur, u ma jirrikjedix l-intenzjoni li jigi defrawdat il-kreditur".*

*Ghar-rigward ta' l-element tal-participatio fraudis da parti tat-terz, dan jinkonkorri kull meta huwa jaf li qieghed jaghmel negozju guridiku li huwa ta' hsara ghall-kreditur. Fil-kawza "Chircop vs Mifsud" deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar, 1954 (Vol. XXXVIII.II.424), intqal li bi frodi tat-terz akkwirent ghandu jiftiehmu in-notizja li dan kellu ta' l-istat tad-debitur.'*

Illi dwar l-elementi tal-Actio Pauliana fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti l-abbli difensur taghhom jissottometti kif isegwi:

'L-elementi biex tirnexxi l-Actio Pauliana huma s-segwenti:

1. debitu cert u anterjuri ghall-kuntratt, 2. Il-frodi 'consilium fraudis', 3. hsara reali ta' min jaghmel l-kawza l'eventus damni'.

"Le condizioni richeste per l-esercizio dell'azione revocatoria sono 1. Credito e suo anteriorita 2. Danno 3. Frode; Il difetto di una sola di tali condizioni gustifika il rigetto della recovatoria" (Il Foro Italiana 1936 Rep. p. 738 nru 'Grazia vs. Sac.) .'

**Mertu:**

Il-Qorti f'dan l-istadju ser tghaddi sabiex tapplika l-principju stabbiliti ghall-fatti f'din il-kawza. Ghandu jinghad li l-provi mressqa da parti tal-atturi huma pjuttost xotti u jikkonsistu biss fil-kuntratt attakkat (fol. 6), stima ex parte tal-Perit Emanuel Vella li ta stima tal-valur tal-fond in kwistjoni fis-sena 1986 ghas-somma ta' Lm50,000 u zewg affidavits pjuttost xotti tal-atturi fol. 46 u 48 tal-process. Fuq talba tal-atturi saret ukoll rapport minn espert tekniku mqabbad mill-Qorti l-Perit Godwin Abela li ta stima tal-fond in kwisjtoni fis-sena 1986 ta' Lm 83,928 (fol. 100). Lejn l-ahhar tal-proceduri din il-Qorti laqghet it-talba sabiex jigi riammess bhala prova r-rapport tal-Perit Joseph Dimech, li originarjament kien gie sfilzat, fejn ghall-istess perjodu jaghti stima tal-fond ghas-somma ta' Lm14,775 (fol. 61). Il-Qorti izda tqis li qabel ma tidhol f'analizi tal-valur tal-fond in kwistjoni jehtieg li tidhol f'analizi tal-kriterji tal-'Actio Pauliana' cioe' 1. id-debitu cert u anterjuri ghall-

kuntratt, 2. il-frodi 'consilium fraudis' u 3. d-danni reali sofferti mill-atturi 'eventus danni' u jekk dawn humiex ilkoll sodisfatti f'din il-kawza.

Illi l-ewwel kriterju li neccessarjament kellu jigi pruvat mill-atturi huwa li huma gia kienu kredituri, ai fini tal-'Actio Pauliana', ta' Vincent u Loreta konjugi Grech qabel ma gie ffirmat il-kuntratt attakkat mill-atturi nhar il-25 ta' Lulju 1986 mal-konvenuti.

Illi mir-rikors guramentat tal-atturi johrog car illi l-pretensjoni tal-atturi hija bhala eredi tal-mejtin Vincent u Loreta konjugi Grech u jsostnu li stante li l-fond involut fil-kuntratt kien jikkomprendi l-maggor parti tal-wirt tal-konjugi Grech allura l-atturi jsostnu li l-kuntratt sar 'bl-intenzjoni li jcahhad lill-atturi mid-drittijiet ereditarji taghhom.'

A fol. 46 tal-process l-attrici Flavia Cassar issostni kif isegwi:

*'3) Din il-kawza qed naghmluha ghax jidhrilna illi l-kuntratt illi kien sar ghand in-Nutar Joseph Spiteri fil-25 ta' Lulju 1986, u li permezz tieghu l-irgiel ta' hut missieri Maria Muscat u Rose Caruana hadu l-propjreta' bin-numru 34 A, St Anthony Street, Ghajnsielem, Ghawdex sar biex lil missieri u lil Frances Galea icahhduhom mis-sehem taghhom.*

*4) Dan nghidu ghaliex huma hadu din il-proprjeta' bi prezz ta' Lm98 li ghaliha huwa prezz mizeru hafna u ma jirriflettix il-valur reali tal-proprjeta' li tikkonsisti f'dar, gardina u zewg ghelieqi kbar hafna.'*

A fol. 48 tal-process l-attrici Francis Galea ssostni kif isegwi:

*'Nghid li d-dar li dwarha qed naghmlu din il-kawza kienet l-unika proprjeta' li kellu missieri u ghalhekk insostni illi dan il-kuntratt sar biex ahna ma niehdu xejn.'*

Illi l-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom dwar dan l-element isostnu li fil-kaz tal-atturi dawn ma setghu bl-ebda mod jippretendu xi dritt ta' xi haga fuq il-proprjeta' tal-genituri meta dawn kienu ghadhom hajjin jew meta ghamlu l-kuntratt ta' enfitewsi favur l-konvenuti seta' kellhom biss drittijiet ipotetici. Ghalhekk jonqos l-element numru wiehed li min jagixxi bl-'Actio Pauliana' irid ikollu kreditu cert pre-ezistenti ghall-kuntratt li jkun qed jigi mpunjat.

Illi l-Qorti qieset illi mill-gurisprudenza hawn fuq ikkowtata l-qrati Maltin taw interpretazzjoni pjuttost wiesgha ta' dak li ghandu jigi kkunsdirat bhala kreditu antecedenti ghall-att tad-debitur tant li kreditu vantat fuq il-komunjoni tal-akkwisti huwa kkunsidrat bhala sufficjenti kif ukoll dritt valutabbli pekunjarament huwa meqjus bhala li jikkwalifika ghall-Actio Pauliana. Illi d-dritt tal-atturi bhala eredi tal-genituri taghhom, minghajr ombra ta' dubju, gie nkorporat fihom mal-mewt tal-istess genituri u zgur mhux qabel. Abbazi ta' dan id-dritt l-atturi qed jippretendu li din il-Qorti tikkunsidrahom bhala kredituri tal-genituri taghhom sahansitra qabel ma gie ffirmat il-kuntratt ta' koncessjoni emfitewtika lura fil-25 ta' Lulju 1986. Sabiex dan isir almenu l-kreditu taghhom ghandu jkun valutabbli pekunjarjament u l-atturi qed jippretendu li l-Qorti tiehu l-valur tal-fond fiz-zmien li dan gie trasferit b'koncessjoni emfitewtika fis-sena 1986. Izda din il-Qorti ssib diffikulta sabiex taghmel dan ghaliex id-dritt tal-atturi bhala eredi nkomba fuqhom mal-mewt tal-genituri taghhom u mhux qabel ghalhekk kwalunkwe valutazzjoni tal-pretensjoni taghhom bhala eredi qabel dak in-nhar ma tkunx qed tirrifletti l-verita'.

In oltre, huwa car li l-atturi qed jittentaw din l-azzjoni ghaliex il-parti l-ohra fil-kuntratt ta' koncessjoni emfitewtika nzertaw l-irgiel ta' huthom ukoll ulied Vincent u Loreta kunjugi Grech allura donnu qed isostnu li l-kuntratt ma kienx wiehed oneruz izda effettivament kien jikkonsisti f'donazzjoni simulata. Din il-Qorti ghandha d-dubji taghha kemm li kieku l-parti l-ohra fil-kuntratt kienu terzi kompletament estranei ghall-atturi kienux jittentaw din l-azzjoni fil-konfront taghhom anki kieku sar taht l-istess termini jdentici. In oltre li kieku l-koncessjoni emfitewtika saret lil terzi, kif kellhom kull dritt jaghmlu l-konjugi Grech, certament li d-drittijiet ereditarji tal-atturi kienu jkunu valuri diversi milli kieku l-fond baqa' tal-genituri taghhom sal-mewt. Illi l-Qorti ssostni li l-konjugi Vincent u Loreta Grech kellhom kull dritt, tul hajjithom, li jiddisponu mill-proprjeta' taghhom kif riedu minghajr ma hadd seta jindahlilhom filwaqt li l-eredi taghhom se mai jirtu dak li jkun fadal mill-assi taghhom fid-data tal-mewt taghhom u mhux qabel u dan jiddependi wkoll fuq id-disposizzjonijiet testamentarji li jistghu jsiru fosthom anki legati li jistghu jithallew. Fil-fatt f'dan il-kaz partikolari jirrizulta nkontestat li l-fond in kwistjoni, anki li kieku kien ghadu proprjeta' tal-konjugi Grech fil-mument tal-mewt taghhom dan thalla bhala legat lill-konvenuti bhala hlas ghas-servigi rezi minnhom. Ghalhekk in vista ta' dan kollu u x-

xenarji diversi li jistghu jkunu applikabbli din il-Qorti ssibha ferm difficli li taghmel mill-anqas kalkolu fittizju ta' xi kreditu setghu l-atturi jvantaw fil-konfront tal-genituri taghhom lura fis-sena 1986 meta dawn kienu ghadhom mimlijin hajja u liberi li jikkuntrattaw kif iridu. Illi in oltre, l-ghan tal-'Actio Pauliana' huwa wiehed restitutorju sabiex ipoggi lill-kreditur fl-istess posizzjoni li kien qabel ma sehh l-att, izda f'dan il-kaz irrizulta li l-atturi f'dak il-mument tal-att attakkat la kienu kredituri u wisq anqas jista' jsir xi kalkolu tal-proprjeta' kollha tal-decujus fil-mument tal-kuntratt sabiex b'tigbid ta' immaginazzjoni kbira l-atturi jigu kkunsidrati kredituri tal-konjugi Grech ta' xi ammont dovut lilhom bhala eredi. Il-Qorti ma tistax taqbel mal-atturi li huma ghandhom jigu meqjusa bhala kredituri tal-genituri taghhom f'termini tal-'Actio Pauliana' lura fil-25 ta' Lulju 1986 semplicement abbazi tad-drittijiet ereditarji tal-atturi wara l-mewt tal-genituri taghhom. Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-ewwel element neccessarju sabiex tirnexxi l-'Actio Pauliana' u cioe' il-pre-ezistenta tal-kreditu tal-atturi fil-konfront tal-genituri taghhom precedentement ghall-kuntratt tal-25 ta' Lulju 1986 mhux sodisfatt.

Illi min-naha l-ohra l-Qorti, fl-atti tal-kawza odjerna li tikkonsisti f''Actio Pauliana' ssostni li ma tistax tidhol fil-kwistjoni dwar jekk il-koncessjoni emfitewtika setghetx kienet tikkonsisti fil-verita f'donazzjoni simulata mill-konjugi Grech liz-zewg uliedhom biex jeskludu l-ulied l-ohra stante li din m'hijiex il-bazi tal-azzjoni ntentata mill-atturi f'dawn l-atti. Se mai jekk huwa fil-fatt dan li qed jallegaw l-atturi fil-konfront tal-konvenuti allura l-azzjoni spettanti lilhom ghandha tkun wahda diversa minn dik odjerna.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, la darba l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-ewwel element tal-'Actio Pauliana' u cioe' li l-atturi kienu kredituri tal-konjugi Vincent u Loreta Grech qabel l-att tal-25 ta' Lulju 1986 ma giex sodisfatt mill-atturi u la darba l-konsegwenza ta' din il-konkluzjoni hija li jigu michuda t-talbiet kollha attrici, il-Qorti tqis li jkun futli li hija tinoltra ruhha oltre fiz-zewg elementi l-ohra tal-istess azzjoni.

**Decizjoni**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l- kawza billi:-**

**1. Tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti;**

**2. Tilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti limitatament izda ghall-fatt li din il-Qorti ddecidiet li l-ewwel element sabiex tirnexxi l-'Actio Pauliana' ma giex sodisfatt mill-atturi u tichad it-talbiet kollha attrici.**

**Bl-ispejjez kif mitluba ghandhom jigu sopportati ghal zewg terzi mill-atturi u terz mill-konvenuti.**

(ft.) Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur